III

*(Atti preparatorji)*

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tad-9 ta' Awwissu 2022**

**dwar proposta għal direttiva fir-rigward tal-arranġamenti ta' delega, il-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità, ir-rapportar superviżorju, il-forniment ta' servizzi depożitarji u ta' kustodja u l-oriġinazzjoni tas-self minn fondi ta' investiment alternattivi**

**(CON/2022/26)**

(2022/C 379/01)

### Introduzzjoni u bażi legali

Fit-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat pakkett ta' atti legali b'appoġġ għall-Unjoni tas-Swieq Kapitali, inkluża proposta għal direttiva li temenda d-Direttivi 2011/61/UE u 2009/65/KE fir-rigward tal-arranġamenti ta' delega, il-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità, ir-rapportar superviżorju, il-forniment ta' servizzi depożitarji u ta' kustodja u l-oriġinazzjoni tas-self minn fondi ta' investiment alternattivi [1] (minn hawn 'il quddiem id-"direttiva proposta").

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) iddeċieda li jagħti opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar id-direttiva proposta. Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea peress li d-direttiva proposta fiha dispożizzjonijiet li jaffettwaw il-kompitu bażiku tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) li tiddefinixxi u timplimenta l-politika monetarja tal-Unjoni skont l-Artikolu 127(2) tat-Trattat, il-kompitu tas-SEBĊ li tikkontribwixxi għat-tmexxija bla xkiel tal-politiki segwiti mill-awtoritajiet kompetenti relatati mal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja skont l-Artikolu 127(5) tat-Trattat, u l-kompiti tal-BĊE relatati mal-ġbir ta' tagħrif statistiku skont l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

### Osservazzjonijiet Ġenerali

1. *Għanijiet tad-direttiva proposta*

1.1. Il-BĊE jilqa' l-għanijiet prinċipali tad-direttiva proposta biex jimtlew ċerti lakuni regolatorji fil-funzjonament tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] (minn hawn 'il quddiem id-"Direttiva dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi" jew "AIFMD"), biex jiġi żgurat approċċ superviżorju koerenti għar-riskji li l-Fondi ta' Investiment Alternattivi (AIFs) joħolqu għas-sistema finanzjarja u biex jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni għall-investitur, filwaqt li tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tagħhom fis-suq finanzjarju tal-UE.

---

(1) Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2011/61/UE u 2009/65/KE fir-rigward tal-arranġamenti ta' delega, il-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità, ir-rapportar superviżorju, il-forniment ta' servizzi depożitarji u ta' kustodja u l-oriġinazzjoni tas-self minn fondi ta' investiment alternattivi COM (2021) 721 final.

(2) Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p.1).

1.2. Il-BĊE jappoġġa wkoll l-għan ġenerali tad-direttiva proposta li tallinja aħjar ir-rekwiżiti tal-AIFMD u d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) (minn hawn 'il quddiem l-"Impriżi ta' Investiment Kollettiv f'Titoli Trasferibbli" jew "UCITSD") dwar kwistjonijiet ugwalment rilevanti għaż-żewġ direttivi, bħal arranġamenti ta' delega u servizzi ta' kustodja. Madankollu, din l-opinjoni tiffoka fuq l-emendi proposti għall-AIFMD.

1.3. Kif elaborat aktar hawn taħt, il-BĊE kien jilqa' l-fatt li d-direttiva proposta kopriet ukoll kwistjonijiet li mhumiex indirizzati mill-AIFMD, bħall-operazzjonalizzazzjoni u l-iżvilupp ta' għodod makroprudenzjali applikati ex ante bħala mezz biex jitnaqqsu r-riskji għas-sistema finanzjarja li huma maħluqa minn AIFs, kif ukoll biex jiġi żgurat li *data* dettaljata dwar AIFs individwali tkun disponibbli għall-BĊE u banek ċentrali rilevanti oħra tas-SEBĊ.

## Osservazzjonijiet speċifiċi

2. *Ġestjoni tal-likwidità u għodod makroprudenzjali*

2.1. Il-BĊE jilqa' b'mod ġenerali l-għan tad-direttiva proposta li tarmonizza l-obbligi tal-maniġers tal-AIF (AIFMs) fir-rigward tal-immaniġġjar tar-riskji tal-likwidità, b'mod partikolari l-introduzzjoni tat-tipi ta' għodod għall-ġestjoni tal-likwidità li għandhom ikunu disponibbli għall-AIFMs ta' AIFs miftuħa biex jimmaniġġjaw ir-riskji tal-likwidità għal dawk il-fondi, bħal livelli għoljin ta' tifdijiet minn investituri fi żmien qasir u tifdijiet li huma kkonċentrati f'segment partikolari ta' fondi. Madankollu, id-direttiva proposta għandha timmira wkoll li tillimita d-diskrepanza tal-likwidità bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-AIFs, permezz ta' miżuri li jimmiraw speċifikament jew l-assi jew l-obbligazzjonijiet.

2.2. Id-dispożizzjonijiet tad-direttiva proposta dwar l-għodod tal-ġestjoni tal-likwidità ([4]) huma modesti. F'dan ir-rigward, id-direttiva proposta tirrikjedi li l-AIFMs ta' AIFs miftuħa jagħżlu mill-inqas strument wieħed xieraq għall-ġestjoni tal-likwidità mil-lista stabbilita fl-Anness II tad-direttiva proposta għal użu possibbli fl-interess tal-investituri tal-AIF ([5]). Id-direttiva proposta tippermetti wkoll, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, is-sospensjoni temporanja tar-riakkwist jew it-tifdija ta' unitajiet tal-AIF fejn dan ikun ġustifikat fir-rigward tal-interessi tal-investituri tal-AIF ([6]). Filwaqt li d-direttiva proposta għalhekk tispeċifika sett komuni ta' għodod fakultattivi għall-ġestjoni tal-likwidità li l-AIFMs ta' AIFs miftuħa jistgħu jużaw, il-kapaċità ta' tali AIFs li jifilħu għar-riskji tal-likwidità tissaħħaħ jekk l-AIFMs ikunu meħtieġa, bħala minimu, jagħżlu diversi għodod elenkati u mhux sempliċiment waħda minnhom.

2.3. Id-direttiva proposta tirrikjedi li l-Kummissjoni tibda reviżjoni tal-funzjonament tar-regoli stabbiliti fl-AIFMD fi żmien 60 xahar mid-dħul fis-seħħ tad-direttiva proposta ([7]). Il-BĊE jappoġġa r-reviżjoni proposta, b'mod partikolari sa fejn hija relatata mal-adegwatezza tar-rekwiżiti applikabbli għall-AIFMs li jiġġestixxu fondi li joriġinaw minn self, minħabba l-potenzjal għal riskji għall-istabbiltà finanzjarja f'dan is-settur li qed jgħaddi minn tkabbir kontinwu. Madankollu, ir-reviżjoni proposta għandha tiġi estiża biex tkopri żewġ aspetti addizzjonali. L-ewwel nett, ir-reviżjoni għandha tkopri l-iżviluppi f'għodod makroprudenzjali għall-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità, b'mod partikolari l-użu ta' għodod ta' ġestjoni tal-likwidità ex ante biex jindirizzaw id-diskrepanza tal-likwidità. Ċerti għodod makroprudenzjali ([8]) jistgħu jitfasslu apposta għal riskji speċifiċi għall-istabbiltà finanzjarja li jistgħu jinqalgħu fis-settur tal-AIF u jistgħu jiġu implimentati qabel ma jseħħ avveniment ta' stress. It-tieni nett, ir-reviżjoni għandha tkopri speċifikament kif l-AIFMs ta' AIFs ingranati miftuħa jistabbilixxu limiti ta' ingranaġġ u kif, skont l-AIFMD ([9]), l-awtoritajiet kompetenti jużaw is-setgħat superviżorji tagħhom fir-rigward ta' tali limiti ta' ingranaġġ. Fil-valutazzjoni tal-aspetti tal-ġestjoni tal-AIF fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti.

---

([3]) Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

([4]) Ara l-Artikolu 1, punt (6), tad-direttiva proposta li ddaħħal il-paragrafi 2a sa 2h fl-Artikolu 16 tal-AIFMD u l-Anness II tad-direttiva proposta li tissostitwixxi l-Anness V tal-AIFMD. Ara wkoll l-Artikolu 2, punt (4), tad-direttiva proposta fir-rigward tal-emenda ekwivalenti għad-Direttiva 2009/65/KE.

([5]) L-Artikolu 1, il-punt (6), tad-direttiva proposta (li jdaħħal il-paragrafu 2b fl-Artikolu 16 tal-AIFMD).

([6]) L-Artikolu 1, il-punt (6), tad-direttiva proposta (li jdaħħal il-paragrafu 2c fl-Artikolu 16 tal-AIFMD).

([7]) L-Artikolu 1, il-punt (21), tad-direttiva proposta (li jdaħħal l-Artikolu 69b fl-AIFMD).

([8]) Dawn jinkludu għodod bħall-impożizzjoni superviżorja tal-limiti tal-ingranaġġ (l-Artikolu 25 tal-AIFMD, li fih is-setgħa ta' awtorità nazzjonali kompetenti li timponi limiti tal-ingranaġġ fuq l-AIF), is-sospensjoni tat-tifdijiet fl-interess pubbliku (l-Artikolu 46(2), li fih is-setgħa ta' awtorità nazzjonali kompetenti li tissospendi tifdijiet fl-interess pubbliku), jew potenzjalment restrizzjonijiet oħra bħal bafers kapitali u proporzjonijiet bejn is-self u l-valur (LTV).

([9]) Ara l-Artikolu 25(3) tal-AIFMD, li jikkonċerna, fost setgħat oħra, is-setgħa tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-AIFM li timponi limiti għal-livell ta' ingranaġġ li l-AIFM huwa intitolat li juża fl-immaniġġjar tiegħu ta' AIF.

3. *Rapportar*

3.1. Id-direttiva proposta għandha l-għan li telimina r-rekwiżiti ta' rapportar duplikat eżistenti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali, inklużi, b'mod partikolari, ċerti regolamenti tal-istatistika adottati mill-BĊE ([10]), biex tittejjeb l-effiċjenza u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi għall-AIFMs ([11]). Għal dan il-għan, id-direttiva proposta tagħti mandat lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) biex tippreżenta lill-Kummissjoni rapport għall-iżvilupp ta' ġbir ta' *data* superviżorja integrata li jiffoka, *inter alia*, fuq kif jitnaqqsu l-oqsma ta' duplikazzjonijiet u inkonsistenzi bejn l-oqfsa ta' rapportar fis-settur tal-ġestjoni tal-assi u setturi oħra tal-industrija finanzjarja. Fit-tħejjija ta' dan ir-rapport, huwa propost li l-ESMA għandha taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib, *inter alia*, mal-BĊE ([12]).

3.2. Il-BĊE jinsab lest li jikkoopera mal-ESMA fit-tħejjija ta' dan ir-rapport għall-iżvilupp ta' ġbir ta' *data* superviżorja integrata sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ma' rekwiżiti oħra ta' rapportar għall-fondi ta' investiment. Il-BĊE jenfasizza, madankollu, li l-integrazzjoni tal-infrastruttura ta' rapportar sottostanti ma tridx tinterferixxi ma' jew tippreġudika b'xi mod ieħor il-kompetenza tal-BĊE li jadotta regolamenti statistiċi għall-finijiet tiegħu stess jew li jkompli jinkludi s-sett sħiħ ta' rekwiżiti ta' rapportar statistiku rilevanti fir-regolamenti rilevanti tal-BĊE, bħal dawk dwar il-ġbir ta' statistika dwar investimenti f'titoli u dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' fondi ta' investiment ([13]).

4. *Aċċess tas-SEBĊ għal data dettaljata dwar is-settur tal-AIF*

4.1. Il-BĊE jinnota li l-Artikolu 25(2) tal-AIFMD jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti ([14]) tal-Istat Membru ta' domiċilju ta' AIFM jiżguraw li l-informazzjoni kollha miġbura skont l-Artikolu 24 tal-AIFMD fir-rigward tal-AIFMs kollha li huma jissorveljaw u l-informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 7 tal-AIFMD (minn hawn 'il quddiem id-"*data* individwali tal-AIF") issir disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri rilevanti oħra, kif ukoll għall-ESMA u għall-BERS, permezz tal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 50 tal-AIFMD dwar il-kooperazzjoni superviżorja. Madankollu, id-direttiva proposta ma tbiddilx b'mod sinifikanti la t-tipi ta' *data* individwali tal-AIF meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti mill-AIFMs li huma jissorveljaw skont l-Artikolu 24 tal-AIFMD, u lanqas l-awtoritajiet l-oħra li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu tali *data* ([15]) disponibbli.

4.2. Id-direttiva proposta għandha tirrikjedi li l-ESMA, li attwalment tirċievi *data* individwali tal-AIF mill-awtoritajiet kompetenti, tagħmel dik id-*data* disponibbli wkoll għall-BĊE u għal banek ċentrali rilevanti oħra tas-SEBĊ, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom, inkluż dawk skont it-Trattat, li jiddefinixxu u jimplimentaw il-politika monetarja u jikkontribwixxu għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

4.3. L-ewwel nett, fir-rigward tal-kompitu bażiku tas-SEBĊ li tiddefinixxi u timplimenta l-politika monetarja u l-għan primarju tas-SEBĊ li tiġi żgurata l-istabbiltà tal-prezzijiet, għandu jiġi rrilevat li l-AIFs jieħdu pożizzjonijiet fis-suq tat-titoli, b'mod partikolari fi prodotti ta' dħul fiss ([16]). Bħala parti mill-istrateġiji ta' investiment tagħhom, il-pożizzjonijiet tagħhom spiss jiġu ingranati ([17]), inkluż bl-użu ta' derivattivi. Strateġiji bħal dawn jistgħu potenzjalment jamplifikaw il-movimenti fis-swieq tal-bonds sovrani ([18]), u b'hekk jaffettwaw it-trażmissjoni tal-politika monetarja lill-ekonomija

([10]) Regolament (UE) Nru 1011/2012 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2012 dwar statistika fuq investimenti f'titoli (BĊE/2012/24) (ĠU L 305, 1.11.2012, p. 6) u Regolament (UE) Nru 1073/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar statistika dwar l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2013/38) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 73).

([11]) Il-premessa 16 tad-direttiva proposta.

([12]) Il-premessa 16 u l-Artikolu 1, il-punt (21), tad-direttiva proposta (li ddaħħal l-Artikolu 69b fl-AIFMD. Ara wkoll l-Artikolu 2, il-punt (5), tad-direttiva proposta (li jdaħħal l-Artikolu 20b fil-UCITSD).

([13]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 10 iżjed 'il fuq.

([14]) L-Artikolu 4(1)(f) tal-AIFMD jiddefinixxi l-awtoritajiet kompetenti bħala l-awtoritajiet mogħtija s-setgħa bil-liġi jew b'regolament biex jissorveljaw l-AIFMs.

([15]) Ara speċjalment l-Artikolu 24(2) tal-AIFMD. L-Artikolu 1(10) tad-direttiva proposta (li jemenda l-Artikolu 24 tal-AIFMD) jirrikjedi li l-AIFMs jirrapportaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom dwar is-swieq u l-għodod li fihom l-AIFM jinnegozja f'isem l-AIF li jimmaniġġja. L-Artikolu msemmi jagħti mandat lill-ESMA biex tabbozza RTS li tispeċifika d-dettalji li għandhom jiġu rrapportati. L-Artikolu 2(5)(1) tad-direttiva proposta (li jintroduċi l-Artikolu 20a l-ġdid tal-UCITSD) huwa d-dispożizzjoni ekwivalenti fir-rigward tal-UCITS.

([16]) Fondi ta' investiment alternattiv tal-UE - rapport statistiku tal-2022, disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA fuq www.esma.europa.eu.

([17]) L-Artikolu 4(1)(v) tal-AIFMD jiddefinixxi "leverage finanzjarju" (li f'dan id-dokument huwa msejjaħ "ingranaġġ") bħala kwalunkwe metodu li permezz tiegħu AIFM iżid l-espożizzjoni ta' AIF li jimmaniġġa sew jekk permezz ta' self ta' flus kontanti jew titoli, jew inkella permezz ta' leverage finanzjarju inkorporat f'pożizzjonijiet derivattivi jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor.

([18]) Ara pereżempju l-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja "Reviżjoni olisstika tat-taqlib tas-suq ta' Marzu" ("Holistic review of the March market turmoil"), Novembru 2020 u l-letteratura ċċitata fih https://www.fsb.org/wp-content/uploads/P171120-2.pdf (paġna 30 et seq.).

peress li r-rendimenti tal-bonds sovrani jaġixxu bħala rata ta' referenza għall-kundizzjonijiet ta' finanzjament tad-ditti u l-unitajiet domestiċi. Tali interazzjonijiet mal-politika monetarja huma partikolarment rilevanti fiż-żmien attwali tan-"normalizzazzjoni" tal-politika monetarja għal żewġ raġunijiet. L-ewwel waħda hija l-potenzjal imsemmi hawn fuq għall-istrateġiji ta' investiment tal-AIF biex jamplifikaw il-movimenti fir-rendimenti tal-bonds sovrani, u b'hekk joħolqu ssikkar mhux ġustifikat tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament tas-settur privat. It-tieni hija li l-AIFs jistgħu jwettqu wkoll strateġiji ta' investiment li jinvolvu x-xiri ta' ċerti bonds sovrani taż-żona tal-euro filwaqt li jbigħu sovrani oħra taż-żona tal-euro, u b'hekk potenzjalment jikkontribwixxu għal rendimenti diverġenti tal-bonds sovrani taż-żona tal-euro. Ir-rilevanza ta' tali effetti ta' amplifikazzjoni fis-swieq tal-bonds sovrani ġiet osservata matul il-pandemija tal-COVID-19 ([19]) u tista' tkun mistennija li tiżdied hekk kif is-settur tal-AIF ikompli jikber fid-daqs ([20]). L-AIFs jikkontribwixxu dejjem aktar għall-finanzjament tal-ekonomija reali peress li huma investituri sinifikanti f'titoli maħruġa minn korporattivi. F'dan ir-rigward, ir-Reviżjoni tal-Istrateġija tal-BĊE ([21]) nnotat li l-istrutturi finanzjarji li qed jevolvu, bħaż-żieda fl-intermedjazzjoni finanzjarja permezz tas-settur mhux bankarju, biddlu t-trażmissjoni tal-politika monetarja.

4.4. It-tieni nett, l-aċċess għad-*data* individwali tal-AIF jippermetti lill-banek ċentrali tas-SEBĊ iwettqu b'mod effettiv il-kompitu tagħhom li jikkontribwixxu għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja maħluqa mill-AIFs kienu esposti matul it-taqlib riċenti fis-suq f'Marzu 2020, meta ħafna AIFs iffaċċjaw stress akut tal-likwidità minħabba flussi ta' ħruġ sinifikanti u diffikultajiet fil-bejgħ ta' assi fi swieq bi ftit jew l-ebda kummerċ sekondarju. L-AIFs wieġbu għal din il-pressjoni fuq il-likwidità b'bejgħ ta' assi fuq skala kbira u ħżin ta' flus kontanti, u għadd sinifikanti minnhom saħansitra ssospendew it-tifdijiet. Din l-imġiba tal-AIFs żiedet il-pressjoni fuq il-valutazzjonijiet tal-assi u l-likwidità tas-suq, li kkontribwew għall-issikkar tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament fl-ekonomija reali u fl-aħħar mill-aħħar ittaffew biss meta l-banek ċentrali ħadu azzjoni politika straordinarja ([22]). L-avvenimenti ta' Marzu 2020 jenfasizzaw kif l-objettiv primarju tas-SEBĊ ta' stabbiltà tal-prezzijiet u l-kompitu tagħha li tikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja huma interkonnessi, fejn wieħed huwa prekundizzjoni għat-twettiq tal-ieħor. Kif innutat fir-Reviżjoni tal-Istrateġija tal-BĊE, fid-dawl tar-riskji għall-istabbiltà tal-prezzijiet iġġenerati minn kriżijiet finanzjarji, hemm każ kunċettwali ċar għall-BĊE biex iqis il-kunsiderazzjonijiet tal-istabbiltà finanzjarja fid-deliberazzjonijiet tiegħu dwar il-politika monetarja ([23]).

4.5. Għandu jiġi nnutat li s-SEBĊ diġà għandha aċċess għal diversi settijiet ta' *data* dwar entitajiet mhux bankarji li jinġabru mill-awtoritajiet kompetenti u r-repożitorji tat-tranżazzjonijiet skont ir-regolamenti tal-Unjoni ([24]), u b'hekk tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa tas-SEBĊ li jkollha aċċess għal dawn is-settijiet tad-*data* għall-finijiet tat-twettiq tal-politika monetarja u l-mandati ta' stabbiltà finanzjarja tagħha. Fil-fehma tal-BĊE, tali soluzzjonijiet leġiżlattivi — fejn diversi awtoritajiet ikollhom aċċess għall-istess settijiet ta' *data* — huma effiċjenti għall-kondiviżjoni tad-*data* bejn awtoritajiet rilevanti peress li jevitaw rekwiżiti ta' rapportar duplikati, inaqqsu l-ispejjeż tal-ġbir tad-*data* u jiffaċilitaw il-kontrolli tal-kwalità tad-*data*. Huma jrawmu wkoll il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, li min-naħa tagħha tiffaċilita t-twettiq tal-mandati rispettivi tagħhom. Barra minn hekk, is-settijiet ta' *data* rrapportati skont ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([25]) (minn hawn 'il quddiem "Regolament dwar Transazzjonijiet ta' Finanzjament tat-Titoli" jew "SFTR") u Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([26]) (minn hawn 'il quddiem "Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew" jew "EMIR") jirreġistraw derivattivi individwali u tranżazzjonijiet finanzjarji ggarantiti; dawn huma tranżazzjonijiet eżegwiti fi swieq li fihom l-AIFs huma atturi importanti. Sabiex jinftiehmu l-karatteristiċi tar-riskju ta' AIFs individwali (eż. ingranaġġ, diskrepanza tal-likwidità,

([19]) Ara l-artikolu tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja msemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18.

([20]) Pereżempju, kif imkejjel mill-assi tagħhom taħt ġestjoni — ara r-rapport tal-ESMA msemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16. Ara ukoll il-paġni 4 sa 5 tas-Serje ta' Studji Okkażjonali tal-BĊE, Intermedjazzjoni finanzjarja mhux bankarja fiż-żona tal-euro: implikazzjonijiet għat-trażmissjoni tal-politika monetarja u vulnerabbiltajiet ewlenin (*ECB Occasional Paper Series, Non-bank financial intermediation in the euro area: implications for monetary policy transmission and key vulnerabilities*), ta' Diċembru 2021, disponibbli fuq is-sit web tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu.

([21]) Ara r-Reviżjoni tal-Istrateġija tal-BĊE tal-2022, disponibbli fuq:
https://www.ecb.europa.eu/home/search/review/html/ecb.strategyreview_monpol_strategy_overview.en.html.

([22]) Ara, pereżempju, it-Taqsima 5.2 fir-Reviżjoni tal-Istabbiltà Finanzjarja, BĊE, Mejju 2021, disponibbli fuq is-sit web tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu.

([23]) Ara r-Reviżjoni tal-Istrateġija tal-BĊE 2022 (ECB Strategy Review 2022); ara wkoll ir-Reviżjoni tal-Istabbiltà Finanzjarja (ECB Financial Stability Review), Novembru 2021, il-kaxxa bl-isem "The role of financial stability in the ECB's new monetary policy strategy".

([24]) Ara l-Artikolu 81(3)(g) tar-Regolament 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1); u l-Artikolu 12(2)(f) tar-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' transazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (L 337, 23 ta' Diċembru 2015, p.1).

([25]) Regolament (UE) Nru 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' transazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 337, 23.12.2015, p.1).

([26]) Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

interkonnettività u bażi tal-investituri) u l-punt sa fejn dawn il-karatteristiċi (u l-eteroġeneità tagħhom) jixprunaw l-attività tal-AIFs fis-swieq ta' hawn fuq, l-awtoritajiet rilevanti kollha jeħtieġ li jkunu jistgħu jikkombinaw l-informazzjoni dwar it-transazzjonijiet finanzjarji mal-karti tal-bilanċ ta' atturi importanti fis-suq. Il-preżenza u l-attività dejjem akbar tal-AIFs f'dawn is-swieq qed ikollhom dejjem aktar impatt fuq il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja u fuq ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja, li t-tnejn li huma jridu jiġu vvalutati mis-SEBĊ sabiex tissodisfa b'mod effettiv l-għan primarju tagħha ta' stabbiltà tal-prezzijiet u l-kompitu tagħha li tikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja.

4.6. Mingħajr l-aċċess tiegħu stess għad-*data* dwar AIFs individwali, il-BĊE bħalissa jiddependi fuq sorsi kummerċjali, li jipprovdu *data* li hija għalja, mhux kompluta u mhux trasparenti. B'kuntrast man-natura obbligatorja tar-rapportar tad-*data* taħt qafas regolatorju, l-AIFs jistgħu jiddeċiedu huma stess jekk jirrapportawx jew le informazzjoni għall-inklużjoni f'settijiet ta' *data* kummerċjali, u b'hekk jagħtu lis-SEBĊ perspettiva tas-suq mhux kompluta u potenzjalment distorta. Dan jirriżulta f'deċiżjonijiet inqas infurmati dwar il-politika monetarja u valutazzjonijiet tal-istabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, il-kontrolli tal-kwalità tad-*data* fuq settijiet ta' *data* kummerċjali huma diffiċli. Il-BĊE jista', bħala prinċipju, jemenda r-regolamenti rilevanti tiegħu stess dwar ir-rapportar statistiku ([27]) biex jiġbor l-istess *data*, jew *data* simili ħafna, bħal dik miġbura skont l-AIFMD. Madankollu, dan imur kontra l-għan tad-direttiva proposta li telimina r-rekwiżiti ta' rapportar duplikati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali ([28]). Għandu jiġi nnutat ukoll li fit-twettiq tal-kompitu tiegħu ta' ġbir tal-istatistika skont l-Artikolu 5.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-BĊE huwa meħtieġ li jsegwi ċerti prinċipji, li jinkludu l-minimizzazzjoni tal-piż fuq l-aġenti ([29]) li jirrapportaw. Minbarra l-ispejjeż għall-aġenti li jirrapportaw, rekwiżiti ta' rapportar duplikati fir-rigward ta' ċerti tipi ta' *data* mhux inklużi fir-rekwiżiti attwali ta' rapportar statistiku jirriżultaw ukoll fi spejjeż sostanzjali għall-banek ċentrali tas-SEBĊ u l-BĊE. Min-naħa l-oħra, l-ispejjeż fil-prattika għall-BĊE għall-aċċess tad-*data* tal-AIFMD ikunu sostanzjalment aktar baxxi, peress li d-*data* hija diġà disponibbli fil-bażijiet tad-*data* u s-sistemi tal-BĊE bħala riżultat tal-appoġġ statistiku u appoġġ ieħor tal-BĊE tal-BERS ([30]), għalkemm il-persunal tal-BĊE u tal-banek ċentrali tas-SEBĊ ma jistgħux ikollhom aċċess għal dik id-*data* ([31]).

Fejn il-BĊE jirrakkomanda li r-regolament propost jiġi emendat, il-proposti ta' abbozzar speċifiċi huma stabbiliti f'dokument ta' ħidma tekniku separat flimkien ma' test ta' spjegazzjoni f'dan is-sens. Id-dokument ta' ħidma tekniku huwa disponibbli bl-Ingliż fuq EUR-Lex.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 9 ta' Awwissu 2022.

*Il-President tal-BĊE*
Christine LAGARDE

---

([27]) Dawn huma primarjament ir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2012 dwar statistika fuq investimenti f'titoli (BĊE/2012/24) (ĠU L 305, 1.11.2012, p. 6), u r-Regolament (UE) Nru 1073/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar statistika fuq l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2013/38) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 73).

([28]) Il-BĊE qed jesplora kif ir-regolamenti tal-BĊE jistgħu jissodisfaw b'mod aktar sħiħ il-ħtiġijiet tad-*data* tal-BĊE f'dan il-qasam mingħajr ma jirriżultaw f'piż addizzjonali ta' rapportar fuq l-AIFMs.

([29]) L-Artikolu 3a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8).

([30]) Ara l-Premessa 10 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

([31]) Jiġifieri d-*data* ma tkunx disponibbli għall-BĊE għal kwalunkwe skop ieħor għajr l-iskop dejjaq tal-appoġġ statistiku tal-BERS.